

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12941/22

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0306(COD)

CODEC 1373
UD 201
ENFOCUSTOM 131
COMER 112
ECOFIN 927
TRANS 607
IA 145
MI 691
PE 107

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-3 sas-6 ta' Ottubru 2022)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), Anna CAVAZZINI (Ħodor/AHE, DE), ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda numru 88) fisem il-Kumitat għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-4 ta' Ottubru 2022, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 88) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq ftehim dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2022)0340

Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana *I**

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

PE681.103

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM(2020)0673 – C9-0338/2020 – 2020/0306(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0673),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 33, 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0338/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2021³,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-15 ta' Ġunju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0279/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tiddel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 220, 9.6.2021, p. 62.

P9_TC1-COD(2020)0306

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' Ottubru 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 114 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 220, 9.6.2021, p. 62.

⁵ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2022.

Billi:

- (1) ***L-unjoni doganali hija pedament tal-Unjoni Ewropea, li hija waħda mill-akbar blokok kummerċjali fid-dinja. L-unjoni doganali hija fundamentali biex l-integrazzjoni tal-Unjoni tkun waħda ta' suċċess u biex is-suq intern jiffunzjona tajjeb, għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi.***
- (2) Il-kummerċ internazzjonali tal-Unjoni huwa soġġett kemm għal-leġislazzjoni doganali u għal leġislazzjoni li mhijiex dik doganali. Din tal-aħħar hija applikabbli għal merkanzija speċifika foqasma ta' politika bħas-saħħa u s-sikurezza, l-ambjent, l-agrikoltura, is-sajd, il-wirt kulturali u s-sorveljanza tas-suq. Wieħed mill-kompiti prinċipali assenjati lill-awtoritajiet doganali skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ huwa li jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni u r-residenti tagħha, u l-protezzjoni tal-ambjent, fejn xieraq, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħra. In-nuqqas ta' allinjament bejn il-formalitajiet **■** mhux doganali tal-Unjoni **■** u l-formalitajiet doganali spiss ***jirriżulta f'obbligi*** onerużi u kumplessi ta' rapportar għan-negozjanti u proċessi ineffiċjenti ta' żdoganar tal-merkanzija li jwasslu għal żball u frodi ***u spejjeż addizzjonali għall-operaturi ekonomiċi. In-nuqqas ta' interoperabbiltà tas-sistemi użati minn dawg l-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra huwa ostaklu maġġuri għall-progress fit-tlestija tas-suq uniku diġitali għal dak li jikkoċerna l-kontrolli doganali.*** Sabiex tiġi indirizzata l-interoperabbiltà frammentata bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u l-awtoritajiet kompetenti sħab fil-ġestjoni tal-proċessi tal-iżdoganar tal-merkanzija u sabiex tiġi kkoordinata l-azzjoni f'dan il-qasam, matul is-snin il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadu għadd ta' impenji biex jiżviluppaw inizzjattivi ta' tieqa unika għall-iżdoganar tal-merkanzija.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

- (3) Skont **id-Deċiżjoni** Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jeħtiġilhom jagħmlu hilitom biex jistabbilixxu u jagħmlu operazzjonali qafas ta' servizzi ta' tieqa unika **li jipprevedi l-fluss ta' data mingħajr xkiel bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni, bejn l-awtoritajiet doganali u amministrazzjonijiet jew aġenziji oħra, u bejn sistema doganali u oħra fl-Unjoni kollha**. Ċerti elementi ta' dik id-Deċiżjoni ■ jew ġew sostitwiti jew mhumiex konkreti biżżejjed biex jinkoraġġixxu u jinċentivaw aktar avvanzi, b'mod partikolari fuq l-inizjattiva tat-tieqa unika. B'segwitu għal dan, **u f'konformità mar-rapport finali tal-Kummissjoni tal-21 ta' Jannar 2015 intitolat "L-ewalwazzjoni tal-implimentazzjoni doganali elettronika fl-UE"**, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar l-Implimentazzjoni Elettronika tad-Dwana u tat-Tieqa Unika fl-Unjoni Ewropea approvaw id-Dikjarazzjoni ta' Venezja tal-15 ta' Ottubru 2014 u stiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE.

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 21).

- (4) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/1947⁸ dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, li daħal fis-seħħ fit-22 ta' Frar 2017. Dak il-ftehim jirrappreżenta l-aktar sforz estensiv fil-faċilitazzjoni tal-kummerċ u r-riforma doganali taħt l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Fih dispożizzjonijiet li jimmiraw li jtejbu b'mod sinifikanti l-iżdoganar tal-merkanzija u l-kooperazzjoni effettiva bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u awtoritajiet regolatorji oħra dwar kwistjonijiet ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ u konformità doganali. Skont l-Artikolu 10(4) ta' dak il-ftehim, il-membri jridu jagħmlu hilitom biex jistabilixxu jew iżommu tieqa waħda, li tippermetti lill-kummerċjanti jissottomettu rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u/jew ta' data għall-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' merkanzija minn punt ta' dħul uniku lill-awtoritajiet jew l-aġenziji parteċipanti. ***Fejn jitqies xieraq u fejn previst fil-leġislazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġislazzjoni doganali, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll għall-Istati Membri li jippermettu lin-negożjanti jippreżentaw id-dokumenti u/jew id-data meħtieġa għall-merkanzija f'ħażna temporanja permezz ta' dak il-punt ta' dħul uniku.***

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1947 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 284, 30.10.2015, p. 1).

- (5) Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u s-sikurezza u s-sigurtà, jikkonċernaw lill-awtoritajiet kollha involuti fil-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija bejn il-fruntieri tal-Unjoni. Iż-żieda rapida fil-kummerċ internazzjonali **u fil-kummerċ elettroniku** żiedet il-ħtieġa ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar fost dawk l-awtoritajiet. Il-proċess kontinwu ta' diġitalizzazzjoni jippermetti li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod aktar effiċjenti billi s-sistemi **tal-awtoritajiet doganali** u tal-awtoritajiet kompetenti sħab jiġu konnessi flimkien u billi jkun possibbli l-iskambju awtomatizzat **integrat, aċċessibbli u** sistematiku tal-informazzjoni bejniethom **bl-għan li tissaħħaħ u tiġi stabbilita kooperazzjoni regolari fir-rigward tal-proċeduri doganali**. Bħala tali, il-qafas attwali tal-konformità regolatorja mhuwiex biżżejjed biex jappoġġja interazzjoni effettiva bejn **l-awtoritajiet doganali** u l-awtoritajiet kompetenti sħab, li s-sistemi u l-proċeduri tagħhom huma kkaratterizzati minn frammentazzjoni u sensji. Proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija kkoordinat bis-sħiħ u effiċjenti jeħtieġ ambjent regolatorju tal-Unjoni simplifikat għall-kummerċ internazzjonali li jwassal benefiċċji fit-tul lill-Unjoni u lir-residenti tagħha fl-oqsma kollha ta' politika, **jappoġġja l-effikaċja u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiżgura l-protezzjoni tal-konsumaturi**.

- (6) *Ir-Rapport Speċjali 4/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Kontrolli doganali: armonizzazzjoni insuffiċjenti tfixkel l-interessi finanzjarji tal-UE" u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2021 dwar dak ir-Rapport Speċjali għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, peress li l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-unjoni doganali jeħtieġ riżorsi u persunal suffiċjenti.*
- (7) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-gvern elettroniku 2016-2020 stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 ifittex li jżid l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi billi jneħħi l-ostakli diġitali eżistenti, inaqas il-piż amministrattiv u jtejjeb il-kwalità tal-interazzjonijiet bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. ***B'mod partikolari, dak il-pjan ta' azzjoni jħaddan prinċipji bħall-prinċipju standard tas-servizz "diġitali b'mod awtomatiku", il-prinċipju ta' rappurtar "darba biss" u l-prinċipju "transfruntier b'mod awtomatiku", li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-mobbiltà fi ħdan is-suq uniku diġitali. Huwa jħaddan ukoll il-prinċipji tal-"interoperabbiltà b'mod awtomatiku", li għandu l-għan li jiżgura li s-servizzi pubbliċi jaħdmu bla xkiel fis-suq intern kollu, u l-affidabbiltà tad-data personali u s-sigurtà tal-IT.***

(8) *F'konformità mal-viżjoni stabbilita fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-gvern elettroniku 2016-2020 u l-isforzi usa' biex jiġu ssimplifikati u diġitalizzati l-proċessi ta' rapportar għall-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija, il-Kummissjoni żviluppat proġett pilota volontarju msejjaħ "Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana". Dak il-proġett jippermetti lill-awtoritajiet doganali jivverifikaw awtomatikament il-konformità ma' għadd limitat ta' formalitajiet mhux doganali, u b'hekk jippermetti li tiġi skambjata informazzjoni bejn is-sistemi doganali tal-Istati Membri parteċipanti u s-sistemi tal-Unjoni mhux doganali rispettivi li jiġġestixxu l-formalitajiet mhux doganali. Filwaqt li l-proġett tejjeb il-proċeduri tal-iżdoganar, in-natura volontarja tiegħu tillimita b'mod ċar il-potenzjal tiegħu li jiġġenera benefiċċji sostanzjali għall-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi. Il-benefiċċji potenzjali tal-proġett huma limitati b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' stampa globali tal-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni u l-esportazzjonijiet minnha u minħabba li għandu effett limitat fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għall-operaturi ekonomiċi.*

- (9) Sabiex jinkiseb ambjent kompletament diġitali u proċess effiċjenti għall-iżdoganar tal-merkanzija għall-partijiet kollha involuti fil-kummerċ internazzjonali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għal Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana ("Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana") armonizzata u integrata. Dik is-sistema jenħtieġ li tinkludi sett ta' servizzi elettroniċi integrati bis-sħiħ ikkonsenjati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni diġitali bejn *l-awtoritajiet doganali* u l-awtoritajiet kompetenti sħab u biex jissimplifikaw il-proċessi tal-iżdoganar tal-merkanzija għall-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika Doganali tal-UE jiġi żviluppat f'allinjament mal-possibiltajiet għal identifikazzjoni u awtentikazzjoni affidabbli offruti mir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u l-prinċipju ta' darba biss fejn xieraq, kif imtenni fir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. Sabiex jiġi implimentat l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, jeħtieġ li tiġi stabbilita, abbażi tal-proġett pilota, sistema ta' skambju ta' ċertifikati, is-Sistema ta' Skambju *Elettroniku* ta' Ċertifikati ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (CSW-CERTEX tal-UE), li tgħaqqad flimkien l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi tal-Unjoni mhux doganali li jimmaniġġjaw formalitajiet speċifiċi mhux doganali. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu armonizzati l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana, li jiġu integrati dawk l-ambjenti fl-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, u li jiġi stabbilit sett ta' regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva diġitali fi ħdan l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għasservizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

- (10) *Jenħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jkun allinjat u jsir interoperabbli kemm jista' jkun ma' sistemi eżistenti jew futuri oħra relatati mad-dwana, bħall-iżdoganar ċentralizzat fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Fejn rilevanti, jenħtieġ li jiġu mfittxija sinerġiji bejn is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ u l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana.*
- (11) *Dan ir-Regolament għandu jwassal, b'mod partikolari, għal protezzjoni aħjar taċ-ċittadini u t-tnaqis fil-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali.*
- (12) *Huwa meħtieġ li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jintegra soluzzjonijiet b'saħħithom ta' ċibersigurtà biex jiġu evitati, kemm jista' jkun, attackki li jistgħu jfixklu s-sistemi doganali u mhux doganali, jagħmlu ħsara lis-sigurtà tal-kummerċ jew jikkawżaw ħsara lill-ekonomija tal-Unjoni. L-istandards taċ-ċibersigurtà jenħtieġ li jifasslu b'tali mod li jevolvu bl-istess pass bħar-rekwiżiti regulatorji għas-sigurtà tal-informazzjoni tan-networks. Fl-iżvilupp, l-operat u ż-żamma tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu linji gwida xierqa maħruġa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) dwar iċ-ċibersigurtà.*

¹¹ *Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).*

- (13) L-iskambju ta' informazzjoni diġitali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li ikopru l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni **li mhijiex il-leġislazzjoni doganali** li l-awtoritajiet doganali huma fdati jinfurzwaw. **Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni jinkludu l-operazzjonijiet kollha li jeħtieġ li jitwettqu minn persuna fiżika, operatur ekonomiku jew awtorità kompetenti sieħba għall-moviment internazzjonali tal-merkanzija, inkluża l-parti tal-moviment bejn l-Istati Membri, meta meħtieġ.** Dawk il-formalitajiet jimponu obbligi differenti għall-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' ċerta merkanzija, u l-verifika tagħhom permezz ta' kontrolli doganali hija essenzjali għall-funzjonament effettiv tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tkopri l-formalitajiet diġitalizzati stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u ġestiti minn awtoritajiet kompetenti sħab f'sistemi elettroniċi mhux doganali tal-Unjoni, u jaħżnu l-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri kollha meħtieġa għall-iżdoganar tal-merkanzija. Huwa għalhekk xieraq li jiġu identifikati l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni **u s-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni** li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kooperazzjoni diġitali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE.

B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' sistemi mhux doganali tal-Unjoni jenħtieġ li tkun wiesgħa u jenħtieġ li tinkludi s-sitwazzjonijiet u l-formulazzjonijiet legali differenti fl-atti legali li ppermettew jew li se jippermettu l-ħolqien u l-użu ta' dawk is-sistemi. Barra minn hekk, huwa xieraq ukoll li jiġu speċifikati d-dati sa meta s-sistema mhux doganali speċifika tal-Unjoni li tkopri formalità mhux doganali tal-Unjoni u l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jkunu interkonnessi mas-CSW-CERTEX tal-UE. Dawk id-dati jenħtieġ li jirriflettu d-dati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali għat-twettiq tal-formalità mhux doganali speċifika tal-Unjoni, sabiex ikun jista' jkun hem konformità permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. B'mod partikolari, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tkopri r-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji, ir-regoli li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti organiċi, ir-rekwiżiti ambjentali fir-rigward tal-gassijiet serra fluworinati u s-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu, u l-formalitajiet relatati mal-importazzjoni ta' beni kulturali.

- (14) Jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni. B'hekk, meta operatur ekonomiku jissottometti dikjarazzjoni doganali ***jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid***, li teħtieġ li l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni jiġu sodisfatti, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab li jiskambjaw awtomatikament u b'mod effettiv u jivverifikaw l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija. Kooperazzjoni u koordinazzjoni diġitali mtejba bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab jenħtieġ li jwasslu għal proċessi mingħajr karti aktar integrati, aktar rapidi u aktar sempliċi għall-iżdoganar tal-merkanzija u infurzar aħjar tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u l-konformità magħhom.

- (15) Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tiżviluppa, tintegra u topera s-CSW-CERTEX tal-UE, ***inkluż l-għoti ta' taħriġ xieraq dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni tagħha lill-Istati Membri.*** Sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' tieqa unika xierqa, armonizzati ***u standardizzati*** fil-livell tal-Unjoni għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tgħaqqad kull sistema mhux doganali rispettivi tal-Unjoni mas-CSW-CERTEX tal-UE. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu responsabbli biex jgħaqqdu l-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE ***b'assistenza, fejn meħtieġ, tal-Kummissjoni.***

- (16) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali *u mhux personali* fis-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li sseħħ skont *ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹² (il-"GDPR"), *ir-Regolament (UE) 2918/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹³ (l-IDPR") u huwa mingħajr ebda preġudizzju għar-*Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹⁴. (ir-"Regolament dwar il-moviment liberu ta' data mhux personali"). Jenħtieġ li sseħħ f'ambjent sigur u mingħajr periklu li jkun protett mit-theddid ċibernetiku. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jintużaw miżuri ta' ċibersigurtà organizzattivi u tekniċi xierqa. Barra minn hekk, jenħtieġ li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għas-sistemi doganali u mhux doganali tal-Unjoni mingħajr ebda ħżin ta' data personali, bl-eċċezzjoni ta' logs tekniċi meħtieġa biex tiġi identifikata d-data mibgħuta lil sistema partikolari. Jenħtieġ ukoll li jittrasforma d-data, fejn meħtieġ, biex jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ dominji diġitali. L-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni użati għat-trasformazzjoni tad-data jenħtieġ li tkun fl-Unjoni.

¹² *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

¹³ *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

¹⁴ *Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropa. (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59).*

- (17) Skont it-tip ta' formalità mhux doganali, l-informazzjoni elettronika li trid tiġi skambjata permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE jista' jkun fiha kategoriji differenti ta' suġġetti tad-data u d-data personali tagħhom meħtieġa biex jippreżentaw id-dikjarazzjoni doganali jew **id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid jew** biex japplikaw għal dokumenti ta' sostenn. Id-dikjarazzjonijiet doganali **jew id-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni mill-ġdid** jista' jkun fihom data personali ta' bosta kategoriji ta' suġġetti tad-data, inkluż l-esportaturi, l-importaturi, id-destinatarji, u atturi addizzjonali tal-katina tal-provvista. Id-dokumenti ta' sostenn jista' jkun fihom l-istess informazzjoni għal kategoriji oħra ta' suġġetti tad-data, bħall-konsenjaturi, l-esportaturi, id-destinatarji, l-importaturi u d-detenturi tal-liċenzja. It-tielet kategorija ta' suġġetti tad-data li d-data personali tagħhom tista' tiġi pproċessata fis-CSW-CERTEX tal-UE tinkludi persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab jew kwalunkwe korp iċċertifikat ieħor, kif ukoll il-persunal tal-Kummissjoni u kwalunkwe fornitur terz li jaġixxi f'isem il-Kummissjoni u involut f'attivitajiet operazzjonali u ta' manutenzjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE.

- (18) Fejn id-data personali hija pproċessata minn żewġ entitajiet jew aktar li flimkien jiddeterminaw l-għan u l-mezzi tal-ipproċessar, daww l-entitajiet jenħtieġ li jkunu kontrolluri konġunti. Peress li l-Kummissjoni u ***l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab tal-Istati Membri*** huma responsabbli għall-funzjonament tas-CSW-CERTEX tal-UE, huma jenħtieġ li jkunu kontrolluri konġunti tal-ipproċessar tad-data personali fis-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.
- (19) ***L-ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jenħtieġ li jinkludi strumenti sikuri għan-nuqqasijiet u jenħtieġ li jkun imfassal bil-ħsieb li jikkontribwixxi u jrawwem il-kapaċitajiet analitiċi tad-data tal-awtoritajiet doganali, anki permezz tal-użu ta' għodod assistiti mill-intelliġenza artifiċjali għad-detezzjoni ta' ksur li hu soġġett għal kontrolli doganali jew li qed jiġi investigat mill-awtoritajiet doganali, anki fir-rigward tas-sikurezza u s-sigurtà tal-merkanzija u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.***

(20) Iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-formalitajiet regolatorji doganali u mhux doganali tal-Unjoni applikabbli għall-kummerċ internazzjonali fetħet opportunitajiet ġodda għall-Istati Membri biex itejbu l-kooperazzjoni diġitali bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u l-awtoritajiet kompetenti sħab. Sabiex jilhqqu dawk ***l-opportunitajiet u l-prijoritajiet***, bosta Stati Membri bdew jiżviluppaw oqfsa għal ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana. Dawk l-inizjattivi jvarjaw sostanzjalment skont il-livell tal-arkitettura, il-prijoritajiet u l-istrutturi tal-ispejjeż tat-teknoloġija tal-informazzjoni doganali eżistenti. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri jintalbu jistabbilixxu u joperaw ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE, ***b'sett minimu ta' funzjonalitajiet li jippermettu l-isfruttament tad-data kollha preżenti fis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni użati mill-awtoritajiet kompetenti sħab.*** Dawk l-ambjenti jenħtieġ li jikkostitwixxu l-komponenti nazzjonali tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, li jippermettu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi bejn ***l-awtoritajiet doganali***, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u l-infurzar effiċjenti tagħha u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE.

F'konformità ma' dan l-objettiv, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jippermettu l-verifika awtomatizzata mill-awtoritajiet doganali tal-formalitajiet li fir-rigward tagħhom id-data tiġi trażmessa mis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE. Jenħtieġ li l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jippermettu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti sħab jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-kwantitajiet ta' merkanzija awtorizzata ("ġestjoni tal-kwantità") li jkunu ġew rilaxxati **mill-awtoritajiet doganali** permezz tal-Unjoni. Dan jenħtieġ li jiġi żgurat billi tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa dwar l-iżdoganar lis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE. F'termini prattiċi, il-ġestjoni tal-kwantità fil-livell tal-Unjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jsir infurzar aħjar tal-formalitajiet mhux doganali billi l-użu tal-kwantitajiet awtorizzati għar-rilaxx tal-merkanzija jiġi mmonitorjat b'mod awtomatiku u konsistenti, u jiġi evitat l-użu eċċessiv jew il-ġestjoni ħażina tagħhom. **Il-konnessjoni tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE tkun tiffaċilita l-ġestjoni effiċjenti tal-kwantità fil-livell tal-Unjoni.**

- (21) Biex ikomplu jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-iżdoganar tal-merkanzija għall-operaturi ekonomiċi, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jsiru mezz wieħed ta' komunikazzjoni **li, mingħajr preġudizzju għall-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti oħra, jista' jintuża mill-operaturi ekonomiċi biex jikkomunikaw mal-awtoritajiet doganali** u mal-awtoritajiet kompetenti sħab. **Madankollu, jenħtieġ li daww l-ambjenti la jillimitaw u lanqas ifixklu kwalunkwe forma oħra ta' kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab.** Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni soġġetti għal dik il-miżura ta' faċilitazzjoni addizzjonali huma subsett tal-formalitajiet ġenerali koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika daww il-formalitajiet progressivament billi tivvaluta t-twertiq ta' sett ta' kriterji rilevanti għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ, filwaqt li tqis il-fattibbiltà legali u teknika tagħhom. Sabiex tkompli tissaħħaħ il-faċilitazzjoni tal-kummerċ **u tittiejeb l-effiċjenza tal-kontrolli,** jenħtieġ li jkun possibbli li l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jintużaw bħala pjattaforma għall-koordinazzjoni tal-kontrolli bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

- (22) Kull Stat Membru jenħtieġ ***li jinnomina awtorità komptenti waħda jew aktar biex jaġixxu*** ta' kontrollur █ tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa fl-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana. ***Dawk l-operazzjonijiet*** tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Minħabba li xi data li toriġina mill-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana trid tiġi skambjata ma' sistemi mhux doganali tal-Unjoni permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE, kull Stat Membru jenħtieġ li jintalab li jinnotifika lill-Kummissjoni ***mingħajr dewmien żejjed*** f'każ ta' █ ksur ta' data personali li jikkomprometti s-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà jew l-integrità tad-data personali pproċessata ***fl-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana tiegħu u skambjata permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE.***

- (23) Il-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija kkoordinat bis-sħiġ jeħtieġ proċeduri li jappoġġjaw il-kooperazzjoni diġitali u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi biex jissodisfaw u jinfurzaw il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE. ***F'dak il-kontest, l-interoperabbiltà*** tfisser il-kapaċità li tali il-proċessi jitmexxew bla xkiel fis-sistemi u fl-oqsma doganali u mhux doganali mingħajr ma jintilef il-kuntest jew it-tifsira tad-data skambjata. Sabiex tkun tista' ssir il-verifika kompletament awtomatizzata tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li tiżgura l-interoperabbiltà teknika u li t-tifsira tad-data rilevanti tkun konsistenti. Huwa importanti li t-terminoloġija doganali u dik mhux doganali tiġi allinjata biex jiġi żgurat li d-data u l-informazzjoni skambjati jiġu ppreservati u mifhuma matul l-iskambji bejn is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni u l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat l-infurzar armonizzat tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tidentifika ***l-proċedura*** doganali ***jew l-esportazzjoni mill-ġdid*** li għalihom ***jista' jintuża d-dokument*** ta' sostenn abbażi ***tad-deċiżjoni amministrattiva indikata*** mill-awtorità kompetenti sieħba ***fid-dokument*** ta' sostenn. Minn perspettiva teknika, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li jrendi d-data doganali u dik mhux doganali kompatibbli billi tittrasforma l-format jew l-istruttura tagħha, fejn ikun meħtieġ, mingħajr ma jinbidel il-kontenut tagħha.

- (24) Fid-dawl tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti, is-CSW-CERTEX tal-UE jenħtieġ li jkollha diversi skopijiet. Jenħtieġ li trendi d-data rilevanti disponibbli għall-awtoritajiet doganali biex dawn jinfurzaw aħjar il-politiki regolatorji mhux doganali tal-Unjoni permezz tal-verifika awtomatizzata ta' daww il-formalitajiet; Jenħtieġ li tipprovdi d-data rilevanti lill-awtoritajiet kompetenti sħab biex dawn jimmonitorjaw u jiddeterminaw il-kwantità li jifdal ta' merkanzija awtorizzata li ma tkunx tħassret mid-dwana fl-iżdoganar ta' kunsinni oħra. Barra minn hekk, jenħtieġ li tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "punt uniku ta' servizz" għat-twettiq tal-kontrolli msemmija fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, billi tiffaċilita l-integrazzjoni tal-proċeduri doganali u mhux doganali tal-Unjoni għal proċess kompletament awtomatizzat tal-iżdoganar tal-merkanzija.

Xi atti legali tal-Unjoni jeħtieġu trasferimenti ta' data bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni stabbilita fl-att rilevanti. Jenħtieġ għalhekk li s-CSW-CERTEX tal-UE tippermetti ***kwalunkwe*** skambju awtomatizzat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab fejn meħtieġ minn dawk l-atti, ***mingħajr ma tillimita l-kooperazzjoni għal dawk l-iskambji ta' data biss. Sa fejn il-liġi tal-Unjoni ma tippredix dan, l-Istati Membri jiddefinixxu l-aspett operazzjonali tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u dawk mhux doganali fil-livell nazzjonali. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-funzjonalitajiet kollha tas-CSW-CERTEX tal-UE għat-twettiq kompletament awtomatizzat tal-formalitajiet u kwalunkwe trasferiment awtomatizzat ieħor ta' data bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab rilevanti meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.***

- (25) Biex jiġi stabbilit mezz ta' komunikazzjoni uniku mal-awtoritajiet involuti fl-iżdoganar tal-merkanzija, l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana jenħtieġ li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu d-data meħtieġa mil-leġiżlazzjoni doganali u mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li mhijiex dik doganali f'punt wieħed u jirċievu ***r-rispons elettroniku ta'*** kwalunkwe informazzjoni relatata mill-awtoritajiet involuti direttament minn dak il-punt. ***Tali rispons jista' jinkludi notifiki ta' deċiżjonijiet doganali.*** Jenħtieġ li jkun possibbli li l-mezz uniku ta' komunikazzjoni intuża biss għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE u identifikati bħala adatti għal miżuri ta' faċilitazzjoni addizzjonali.

- (26) Hemm trikkib sinifikanti bejn id-data inkluża fid-dikjarazzjoni doganali ***jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid*** u d-data inkluża ***fid-dokumenti*** ta' sostenn ***għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness***. Sabiex ikun jista' jsir użu mill-ġdid tad-data sabiex l-operaturi ekonomiċi ma jkollhomx għalfejn jipprovdu l-istess data aktar minn darba, huwa meħtieġ li jiġu rrikonċiljati u rrazzjonalizzati r-rekwiżiti tad-data għall-formalitajiet doganali u għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li għalhekk tidentifika l-elementi tad-data inklużi kemm fid-dikjarazzjoni doganali ***jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid*** u ***fid-dokumenti*** ta' sostenn ***meħtieġa għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness ("sett ta' data komuni")***. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika wkoll l-elementi tad-data li huma meħtieġa biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li mhijiex dik doganali ("sett ta' data tal-awtorità kompetenti sieħba" **■**). ***Is-sett ta' data komuni, is-sett ta' data tal-awtoritajiet kompetenti sħab u s-sett ta' data meħtieġa biss mid-dwana*** jenħtieġ li jikkostitwixxu ***sett ta' data integrat*** li ***jinkludi*** l-informazzjoni kollha relatata mal-iżdoganar meħtieġa biex jitwettqu l-formalitajiet doganali u mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE.

- (27) Sabiex ***jìgu sodisfatti*** l-formalitajiet doganali u mhux doganali li jaffettwaw l-istess movimenti ta' merkanzija, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li, ***għas-sistemi non doganali obbligatorji tal-Unjoni, jew jistgħu, għas-sistemi non doganali volontarji tal-Unjoni, jippermettu lill-operaturi doganali*** jippreżentaw id-data kollha meħtieġa minn diversi awtoritajiet regolatorji għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċeduri doganali jew ***għall-esportazzjoni mill-ġdid tagħhom*** permezz ***ta' sett ta' data*** integrata. ***Skont il-formalitajiet mhux doganali speċifiċi tal-Unjoni***, jenħtieġ li jkun possibbli li tali data tiġi ppreżentata *f'mumentu differenti, u flimkien mad-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid ppreżentati* qabel il-preżentazzjoni mistennija tal-merkanzija ***lill-awtoritajiet doganali***, skont l-Artikolu 171 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. ***Tali sottomissjonijiet ikunu jippermettu l-issodisfar tal-prinċipju ta' "darba biss". L-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jużaw is-sett ta' data integrat biex jittrażmettu s-sett ta' data komuni u s-sett ta' data tal-awtorità kompetenti sieħba lis-CSW-CERTEX tal-UE, u d-data komuni u speċifika meħtieġa mid-dwana lill-awtoritajiet doganali.***

(28) Sabiex tiġi trażmessa l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi permezz tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana lill-awtoritajiet kollha kkonċernati, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tippermetti l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni bejn l-oqsma doganali u dawk mhux doganali. B'mod partikolari, jenħtieġ li s-CSW-CERTEX tal-UE tirċievi d-data meħtieġa biex jitwettqu l-formalitajiet mhux doganali applikabbli tal-Unjoni mill-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u tittrasmettiha lis-sistema mhux doganali rispettiva tal-Unjoni. Dan l-iskambju jenħtieġ li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sħab jirrieżaminaw l-informazzjoni trażmessa lis-sistemi tal-Unjoni mhux doganali rispettivi u jieħdu d-deċiżjonijiet ta' żdoganar tagħhom li jenħtieġ li jiġu trasmessi ***lill-awtoritajiet doganali*** permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE. L-awtoritajiet doganali, min-naħa tagħhom, jenħtieġ li ***jitrasmettu*** din l-informazzjoni lill-operaturi ekonomiċi permezz tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana. In-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (in-"numru EORI") jenħtieġ li jintuża bħala l-identifikatur għall-kondiviżjoni u l-kontroreferenzi tal-informazzjoni relatata ma' dawk l-iskambji.

- (29) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, in-numru EORI huwa assenjat lil kull operatur ekonomiku involut f'operazzjonijiet doganali bħala identifikatur għat-tranżazzjonijiet kollha mal-awtoritajiet doganali fl-Unjoni. Il-Kummissjoni żżomm sistema ċentrali tal-EORI sabiex taħżen u tittratta d-data relatata mal-EORI. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti involuti fil-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija, l-awtoritajiet kompetenti sħab jenħtieġ li jkollhom aċċess għas-sistema EORI biex jivvalidaw in-numru EORI li jistgħu jitolbu mill-operaturi ekonomiċi fil-kuntest tal-formalitajiet tagħhom.
- (30) Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija essenzjali biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet kollha assoċjati mal-funzjonament effettiv tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. ***Dan se jgħin ukoll biex inaqqas id-distakk bejn il-livelli diverġenti ta' diġitalizzazzjoni u ta' tħejija diġitali tal-Istati Membri, u b'hekk jipprevjeni d-distorsjonijiet potenzjali.*** Minħabba l-ambitu wiesa' u divers ta' dawk l-attivitajiet, huwa meħtieġ li kull Stat Membru jaħtar awtorità kompetenti bħala koordinatur nazzjonali. ***Mingħajr preġudizzju għall-organizzazzjoni interna tal-amministraturi nazzjonali,*** il-koordinatur nazzjonali jenħtieġ li jkun il-punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni, u jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiżgura l-interoperabbiltà tas-sistema. Il-Kummissjoni jenħtieġ li ttipprovdi koordinazzjoni fejn meħtieġ, u tgħin biex jiġi żgurat l-infurzar effiċjenti tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.

- (31) L-iżvilupp tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jinvolti diversi spejjeż tal-implimentazzjoni. Huwa importanti li dawk l-ispejjeż jiġu allokati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bl-aktar mod xieraq skont it-tip ta' servizzi pprovduti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li ġġarrab l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat tas-CSW-CERTEX tal-UE, li hija komponent ċentrali tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, u l-ispejjeż relatati mal-iżgurar tal-interfaċċji tagħha mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li iġarrbu l-ispejjeż relatati mar-rwol tagħhom fl-iżgurar tal-interfaċċji mas-CSW-CERTEX tal-UE u l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat tal-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana.

- (32) Huwa meħtieġ ippjanar dettaljat sabiex jiġu integrati b'mod progressiv diversi formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni minn oqsma ta' politika differenti fis-CSW-CERTEX tal-UE. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tħejji programm ta' ħidma biex jiġu inkorporati dawk il-formalitajiet fis-CSW-CERTEX tal-UE u biex jiġu żviluppati konnessjonijiet bejn is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni li jipproċessaw dawk il-formalitajiet u s-CSW-CERTEX tal-UE. L-objettiv prinċipali tal-programm ta' ħidma jenħtieġ li jkun li jappoġġja r-rekwiżiti operazzjonali u l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni ta' dawk l-attivitajiet, ***b'kunsiderazzjoni partikolari mogħtija għall-iżviluppi tal-IT meħtieġa, fost l-oħrajn, fl-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana***. Il-programm ta' ħidma jenħtieġ li jiġi rivedut regolarment biex jivvaluta l-progress ġenerali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***u jenħtieġ li jiġi aġġornat mill-inqas kull tliet snin***.

(33) Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja regolarment *l-istat ta' żvilupp* tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u *l-potenzjal għall-estenzjoni ulterjuri tal-użu tiegħu*. *Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproduċi rapport annwali dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana, b'referenza għall-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi wkoll ħarsa ġenerali dettaljata dwar il-formalitajiet mhux doganali eżistenti tal-Unjoni u daww inklużi fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, bil-għan li tiġi pprovduta ħarsa ġenerali ċara tal-istat ta' diġitalizzazzjoni tal-formalitajiet fil-fruntiera. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak ir-rapport, mill-inqas kull 3 snin, jinkludi r-riżultati tal-monitoraġġ regolari tal-funzjonament tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Flimkien mal-monitoraġġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li* ■ *tevalwa wkoll il-prestazzjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE* ■ *biex tiżgura l-infurzar effiċjenti tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapporti ta' valutazzjoni regolari dwar il-funzjonament tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jqisu l-progress li jkun sar, jidentifikaw oqsma għat-titjib u jipproponu rakkomandazzjonijiet għall-futur fid-dawl tal-progress li sar lejn kollaborazzjoni diġitali mtejba bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u l-awtoritajiet kompetenti sħab involuti fl-iżdoganar tal-merkanzija biex jiġu żgurati proċessi simplifikati għall-operaturi ekonomiċi u l-infurzar effiċjenti tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.

Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jqisu wkoll l-informazzjoni rilevanti pprovduta mill-Istati Membri dwar, fost l-oħrajn, l-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana. Għall-fini tal-monitoraġġ u r-rapportar, il-Kummissjoni jenħtieġ li torganizza u żżomm djalogu kontinwu mal-Istati Membri, mal-operaturi ekonomiċi rilevanti kollha u ma' partijiet rilevanti oħra.

(34) *L-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT u l-aġġornament tas-sistemi tal-IT eżistenti jeħtieġu sforzi sostanzjali f'termini ta' investiment finanzjarju u uman, speċjalment fl-IT innifisha. Dan ir-Regolament inaqqas d-distakki bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab, u jipprovdi qafas għall-kollaborazzjoni diġitali li jeħtieġ li jiġi implimentat fl-Unjoni kollha. Għalhekk, sabiex jiġu żgurati ppjanar u skedi ta' żmien xierqa, l-Istati Membri huma mħeġġa jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sistemi, il-proċessi u l-ippjanar nazzjonali tagħhom u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, fil-ħin, lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jippromwovu tfassil aħjar tal-liġijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁵.*

¹⁵ *ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.*

- (35) Biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effettiv tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE fl-Anness; is-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi **jiġu speċifikati** l-elementi tad-data li jridu jiġu skambjati permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE; is-supplimentazzjoni dan ir-Regolament billi **jiġu identifikati s-sett ta' data komuni** flimkien **mas-sett ta' data tal-awtorità kompetenti sieħba** għal kull att rilevanti tal-Unjoni applikabbli għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni integrati fis-CSW-CERTEX tal-UE. **Meta temenda l-lista ta' formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni koperti mis-CSW-CERTEX tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddetermina wkoll id-dati sa meta s-sistemi mhux doganali rispettivi tal-Unjoni u l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jenħtieġ li jkunu konnessi mas-CSW-CERTEX tal-UE. Dawk id-dati jenħtieġ li jiġu stabbiliti filwaqt li jitqiesu żewġ elementi: l-ewwel nett, id-dati sa meta ċerti obbligi mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jridu jiġu ssodisfati, sabiex jiġi żgurat li l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana jkun jista' jintuża għal dak il-għan u t-tieni, it-twieqi ta' skjerament li jintużaw b'mod komuni għas-sistemi doganali.**

L-Istati Membri jistgħu jikkollegaw ċerti sistemi mhux doganali tal-Unjoni u l-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE qabel id-dati stabbiliti fl-Anness. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(36) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725; l-adozzjoni ta' regoli speċifiċi għall-iskambju ta' informazzjoni li jrid jiġi pproċessat permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE, inkluż, fejn xieraq, kwalunkwe regola speċifika biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali; id-determinazzjoni tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni integrati fis-CSW-CERTEX tal-UE li jistgħu jkunu soġġetti għal kooperazzjoni diġitali addizzjonali; l-adozzjoni ta' arranġamenti proċedurali għall-iskambji addizzjonali ta' informazzjoni pproċessati permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE, inkluż, fejn xieraq, kwalunkwe regola speċifika li tirregola l-protezzjoni tad-data personali u l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma biex jappoġġja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-konnessjoni tas-sistemi mhux doganali rilevanti tal-Unjoni mas-CSW-CERTEX tal-UE u l-integrazzjoni tal-formalitajiet mhux doganali rispettivi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(37) Peress li dan ir-Regolament jistabilixxi mekkaniżmu għall-awtoritajiet doganali biex jinfurzaw il-formalitajiet li jaffettwaw il-proċess tal-iżdoganar tal-merkanzija, huwa meħtieġ li jiġi inkluż flimkien mad-dispożizzjonijiet addizzjonali u implimentattivi tiegħu fid-definizzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali stabbilita fl-Artikolu 2, il-punt 5 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dan l-approċċ huwa konformi mal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, li jinkariga lill-awtoritajiet doganali bil-kompitu li jiżguraw is-sigurtà u s-sikurezza tal-Unjoni u r-residenti tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħra fejn xieraq, filwaqt li jiffaċilita l-kummerċ. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 952/2013 jiġi emendat biex jinkludi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana fil-lista tal-leġiżlazzjoni doganali li hemm fih. L-Artikolu 163(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jistipula li d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali rilevanti **jew l-esportazzjoni mill-ġdid** jridu jkunu fil-pussess tad-dikjarant u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali fil-ħin meta ssir id-dikjarazzjoni doganali jew **id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid**. Billi l-awtoritajiet doganali se jkunu jistgħu jiksbu permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE d-data meħtieġa assoċjata mal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, dan l-obbligu jenħtieġ li jitqies li ġie ssodisfat. Għalhekk, sabiex jiġu integrati aħjar il-proċeduri doganali u mhux doganali tal-Unjoni, biex ikunu jistgħu jaħdmu simultanjament, l-Artikolu 163(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandu jiġi emendat skont dan.

- (38) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu *fl-20 ta' Novembru 2020*.
- (39) L-integrazzjoni tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni fis-CSW-CERTEX tal-UE teħtieġ l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ġdida tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex jiġu stabbiliti konnessjonijiet bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni, l-identifikazzjoni tad-data li trid tiġi skambjata, u l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u funzjonali. Iż-żmien meħtieġ biex dawn l-iżviluppi jiġu avanzati fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali jenħtieġ li għalhekk jitqies għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' kooperazzjoni diġitali hija mistennija li tiegħu sostanzjalment aktar fit-tul peress li teħtieġ identifikazzjoni minn qabel tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni kkonċernati flimkien mal-iżviluppi tekniċi rilevanti. Huwa għalhekk meħtieġ li l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tiġi differita.

- (40) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-infurzar aħjar tar-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni bejn il-fruntieri tal-Unjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ internazzjonali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera inerenti tal-moviment tal-merkanzija bejn il-fruntieri u l-komplessità tiegħu, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana (Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UEa għad-Dwana) li tipprovdi sett integrat ta' servizzi elettroniċi interoperabbli, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana biex tappoġġja l-interazzjoni u **ssaħħaħ** l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness.

Huwa jistabbilixxi regoli għall-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva diġitali u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni **permezz ta' settijiet ta' data interoperabbli**, fi ħdan l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "awtoritajiet doganali" tfisser "awtoritajiet doganali" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (2) "leġiżlazzjoni doganali" tfisser "leġiżlazzjoni doganali" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (2), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (3) "operatur ekonomiku" tfisser "operatur ekonomiku" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (4) "formalitajiet doganali" tfisser "formalitajiet doganali" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (5) "dikjarazzjoni doganali" tfisser "dikjarazzjoni doganali" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (12), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (6) "dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid" tfisser "dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt(13) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (7) "dikjarant" tfisser "dikjarant" kif iddefinita fl-Artikolu 2, il-punt (15), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (8) "proċedura doganali" tfisser "proċedura doganali" kif definita fl-Artikolu 5, il-punt 16, tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

- (9) "sistema nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana" tfisser sett ta' servizzi elettroniċi *stabbilit* minn Stat Membru biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi elettroniċi *tal-awtorità* doganali *tagħha*, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi;
- (10) "awtorità kompetenti sieħba" tfisser kwalunkwe awtorità ta' Stat Membru, jew il-Kummissjoni, bis-setgħa li twettaq funzjoni mogħtija fir-rigward tat-twettiq tal-formalitajiet mhux doganali rilevanti tal-Unjoni;

- (11) "Formalità mhux doganali tal-Unjoni" tfisser l-*operazzjonijiet kollha li jeħtieġ li jitwettqu minn operatur ekonomiku jew minn awtorità kompetenti sieħba għall-moviment internazzjonali tal-merkanzija, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr għal-leġiżlazzjoni doganali*;
- (12) "dokument ta' sostenn" tfisser kwalunkwe *dokument meħtieġ* maħruġ minn *awtorità kompetenti sieħba jew infassal minn operatur ekonomiku, jew kwalunkwe informazzjoni meħtieġa pprovduta minn operatur ekonomiku*, biex jiċċertifika li l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni ġew issodisfati;
- (13) "ġestjoni tal-kwantità" tfisser l-attività ta' monitoraġġ u ġestjoni tal-kwantità ta' merkanzija awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti sħab skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni *li mhijiex il-leġiżlazzjoni doganali, ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali* ■ ;

- (14) "Sistema mhux doganali tal-Unjoni" tfisser **■** sistema elettronika tal-Unjoni *stabbilita minn, użata sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jew imsemmija fiha, biex taħżen* informazzjoni *dwar it-twettiq tal-formalità* mhux doganali rispettiva tal-Unjoni;
- (15) "Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (in-numru EORI)" tfisser "Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku (in-numru EORI)" kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (18), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446¹⁷;
- (16) "is-sistema EORI" tfisser is-sistema stabbilita għall-finijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

¹⁷ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1).*

Artikolu 3

L-istabbiliment ta' Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana

- 1.** Huwa stabbilit Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. Dan għandu jinkludi:
- (a)** Sistema ta' Skambju *elettroniku* ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana;
 - (b)** Ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana;
 - (c)** is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemija *fil-Parti A tal-Anness, li l-użu tagħhom huwa obligatorju skont il-liġi tal-Unjoni*;
 - (d)** *is-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemija fil-Parti B tal-Anness, li l-użu tagħhom huwa volontarju skont il-liġi tal-Unjoni.*

2. *L-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u l-komponenti tiegħu għandu jkun iddisinjat, interkonness u operat f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-fluss liberu ta' data mhux personali u ċ-ċibersigurtà, bl-użu tal-aktar teknoloġiji xierqa filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tad-data speċifika u s-sistemi elettroniċi kkonċernati, u l-finijiet ta' dawk is-sistemi.*

Kapitolu II

Sistema ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana

Artikolu 4

L-istabbiliment tas-Sistema ta' Skambju *elettroniku* ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana

Is-sistema elettronika ta' Skambju ta' Ċertifikati tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea (CSW-CERTEX tal-UE) *hija stabbilita biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni, kif previst fil-Kapitolu IV*. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tgħaqqad l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness.

Artikolu 5

Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet taas-CSW-CERTEX tal-UE

1. Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa, tintegra u topera s-CSW-CERTEX tal-UE.
2. Il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tikkonnettja s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness mas-CSW-CERTEX tal-UE *sad-dati stabbiliti fl-Anness* u tippermetti li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fih.
 - (b) *tipprovdi gwida u assistenza f'waqthom lill-Istati Membri meta jikkonnettjaw mas-CSW-CERTEX tal-UE kif imsemmi fil-paragrafi 4 u 5.*
3. *Meta l-Kummissjoni tipprovdi taħriġ dwar is-CSW-CERTEX tal-UE, hija għandha tagħmel dan skont ir-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.*

¹⁸ *Ir-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-programm "Dwana" għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 (ĠU L 87, 15.3.2021, p. 1).*

4. L-Istati Membri, *assistiti meta meħtieġ mill-Kummissjoni*, għandhom jikkonnettjaw l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE *sad-dati stabbiliti fil-Parti A tal-Anness*, u jippermettu li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati *fil-Parti A tiegħu*.
5. *L-Istati Membri, assistiti, meta meħtieġ, mill-Kummissjoni, għandhom jikkonnettjaw l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE u jippermettu li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti B tal-Anness.*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 *biex temenda l-Parti A tal-Anness, fir-rigward tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, is-sistemi mhux doganali rispettivi tagħhom tal-Unjoni kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali, u d-data għall-konnessjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4.*

7. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 li jemendaw u il-Parti tal-Anness rigward:*
- (a) *Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi mhux doganali volontarji tal-Unjoni rispettivi tagħhom stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali, fejn l-użu tas-CSW-CERTEX tal-UE jkun previst f'dik il-leġiżlazzjoni;*
 - (b) *Formalitajiet u sistemi mhux doganali tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005²⁰ u (KE) Nru 338/97²¹; u*
 - (c) *id-data għall-konnessjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.*

¹⁹ *Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).*

²⁰ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).*

²¹ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).*

Artikolu 6

L-ipproċessar ta' data personali fis-CSW-CERTEX tal-UE

1. L-ipproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE għall-finijiet li ġejjin biss:
 - (a) biex jippermetti li tiġi skambjata informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness fir-rigward tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fih;
 - (b) biex titwettaq it-trasformazzjoni **kummerċjali u teknika** tad-data elenkata fl-Artikolu 10(2), fejn meħtieġ, sabiex ikun jista' jsir l-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

2. L-ipproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE biss fir-rigward tal-kategoriji tas-suġġetti ta' data li ġejjin:
- (a) persuni fiżiċi li l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dikjarazzjoni doganali *jew fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid*;
 - (b) persuni fiżiċi li l-informazzjoni personali tagħhom tinsab fid-dokumenti ta' sostenn, jew fi kwalunkwe evidenza dokumentarja addizzjonali oħra meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness;
 - (c) persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab, jew kwalunkwe awtorità rilevanti oħra jew korp awtorizzat li l-informazzjoni personali tiegħu tkun tinsab fi kwalunkwe dokument imsemmi fil-punti (a) u (b);
 - (d) persunal tal-Kummissjoni u fornituri terzi li jaġixxu fisem il-Kummissjoni li jwettqu operazzjonijiet relatati mas-CSW-CERTEX tal-UE u attivitajiet ta' manutenzjoni.

3. L-iproċessar ta' data personali jista' jsir fis-CSW-CERTEX tal-UE biss fir-rigward tal-kategoriji ta' data personali li ġejjin:
 - (a) l-isem, l-indirizz, il-kodiċi tal-pajjiż u n-numru ta' identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b), meħtieġa jew mil-leġiżlazzjoni doganali jew mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għajr dik doganali biex jiġu ssodisfati l-formalitajiet doganali tagħhom u dawk mhux doganali tal-Unjoni;
 - (b) l-isem u l-firma tal-persunal imsemmi fil-paragrafu 2, il-punti (c) u (d).
4. ***Bl-eċċezzjoni tar-reġistri tekniċi li jindikaw id-dokumenti ta' sostenn skambjati u l-fluss ta' tali skambju***, is-CSW-CERTEX tal-UE ma għandha taħżen l-ebda informazzjoni skambjata bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u għas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni.
5. It-trasformazzjoni tad-data personali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha titwettaq bl-użu tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tinsab fl-Unjoni.

Artikolu 7

Kontroll konġunt tas-CSW-CERTEX tal-UE

1. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fis-CSW-CERTEX tal-UE, il-Kummissjoni għandha tkun kontrollur konġunt fis-sens tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, u l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti sħab ***tal-Istati Membri responsabbli għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness***, għandhom ikunu kontrolluri konġunti fis-sens tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu r-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti biex jikkonformaw mal-obbligi skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu **22(2)** ta' dan ir-Regolament.

3. Il-kontrolluri konġunti għandhom:

- (a) jaħdmu flimkien biex jipproċessaw, fi żmien utli, it-talbiet magħmula mis-suġġetti tad-data;
- (b) jassistu lil xulxin fi kwistjonijiet li jinvolvu l-identifikazzjoni u t-trattament ta' kwalunkwe ksur ta' data relatat mal-ipproċessar konġunt;
- (c) jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jinfurmaw lis-suġġetti tad-data skont *il-Kapitolu III*, Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2016/679 u *l-Kapitolu III*, Taqsima 2, tar-Regolament (UE) 2018/1725;
- (d) jiżguraw u jipproteġu s-sigurtà, l-integrità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tad-data personali pproċessata b'mod konġunt skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Kapitolu III

Ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana

Artikolu 8

L-istabbiliment ta' ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana

1. ***Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi ambjent*** nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana ***u*** għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp, l-integrazzjoni u t-tħaddim **■** tiegħu.
2. L-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandhom jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni b'mezzi elettroniċi bejn l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet kompetenti sħab u l-operaturi ekonomiċi ***permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE*** għall-finijiet tal-konformità mal-leġiżlazzjoni doganali u l-infurzar effiċjenti tagħha u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness.

3. ***Għall-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tal-Anness, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet li ġejjin:***

■

(a) mezz ta' komunikazzjoni uniku għall-operaturi ekonomiċi, ***li jistgħu jużawh*** biex iwettqu l-formalitajiet doganali rilevanti u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni soġġetti għal kooperazzjoni diġitali addizzjonali skont l-Artikolu 12.

(b) ■ ***ġestjoni tal-kwantità relatata mal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni fejn applikabbli; u***

■

(c) ***verifika awtomatika tal-konformità mal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness abbażi tad-data riċevuta mill-awtoritajiet doganali permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE minn sistemi mhux doganali tal-Unjoni.***

4. ***Għal kull waħda mill-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti B tal-Anness, jekk l-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jkun konness mas-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mal-Artikolu 5(5), dak l-ambjent nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana għandu jipprovidi l-funzjonalitajiet kollha elenkati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.***
5. L-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jistgħu jintużaw bħala pjattaforma biex jiġu kkoordinati l-kontrolli magħmula skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Artikolu 9

L-ipproċessar tad-data personali fl-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana

1. L-ipproċessar tad-data personali fl-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana, skont ir-Regolament (UE) 2016/679, ***għandu jsir*** b'mod separat mill-operazzjonijiet ta' pproċessar imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru għandu *jinnomina awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jaġixxu* ta' kontrollur █ tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa fl-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana.
3. *Bl-eċċezzjoni tal-ksur li ma jikkonċernax id-data skambjata mas-CSW-CERTEX tal-UE*, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ksur ta' data personali li jikkomprometti s-sigurtà, il-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà jew l-integrità tad-data personali pproċessata fl-ambjent *nazzjonali* tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana.

Kapitolu IV

Il-kooperazzjoni diġitali - l-iskambju tal-informazzjoni u regoli proċedurali oħra

TAQSIMA 1

KOOPERAZZJONI DIĠITALI ADDIZZJONALI RELATATA MAL-FORMALITAJIET MHUX DOGANALI TAL-UNJONI

Artikolu 10

Informazzjoni skambjata u pproċessata permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE *u l-użu tagħha*

1. Għal kull waħda mill-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti li tiġi skambjata informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana u s-sistemi mhux doganali rilevanti tal-Unjoni għall-finijiet li ġejjin:

- (a) id-data rilevanti ssir disponibbli lill-awtoritajiet doganali biex dawn iwettqu l-verifika meħtieġa ta' dawk il-formalitajiet f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 b'mod awtomatizzat;
- (b) id-data rilevanti ssir disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti sħab biex dawn iwettqu l-ġestjoni tal-kwantità tal-merkanzija awtorizzata fis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni abbażi tal-merkanzija ddikjarata lill-awtoritajiet doganali u rilaxxata minn dawk l-awtoritajiet;
- (c) l-iffaċilitar *u l-appoġġ tal-integrazzjoni* tal-proċeduri bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u l-awtoritajiet kompetenti sħab, ***għat-twettiq*** awtomatizzat b'mod sħiħ ***tal-formalitajiet meħtieġa biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura doganali jew biex tiġi esportata mill-ġdid, u l-kooperazzjoni dwar il-koordinazzjoni*** tal-kontrolli f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, ***mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni nazzjonali ta' dawk il-proċeduri;***

(d) ***l-iffaċilitar ta'*** kwalunkwe trasferiment awtomatizzat ieħor ta' data bejn ***l-awtoritajiet doganali*** u l-awtoritajiet kompetenti sħab rilevanti meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***li tistabilixxi l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-użu nazzjonali ta' dik id-data.***

2. Għal kull waħda mill-formalitajiet tal-Unjoni mhux doganali elenkati fl-Anness, is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tipprevedi l-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) l-allinjament tat-terminoloġija doganali u dik mhux doganali fejn possibbli, u l-identifikazzjoni tal-proċeduri doganali ***jew l-esportazzjoni mill-ġdid*** li għalihom ***jista' jintuża d-dokument*** ta' sostenn abbażi ***tad-deċiżjoni amministrattiva*** tal-awtorità kompetenti sieħba ***indikata fid-dokument*** ta' sostenn; u

- (b) *it-trasformazzjoni, fejn meħtieġ*, tal-format tad-data meħtieġa biex jitwettqu l-formalitajiet tal-Unjoni mhux doganali rilevanti f'format tad-data kompatibbli mad-dikjarazzjoni doganali *jew id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni mill-ġdid* u vice versa mingħajr ma jinbidel il-kontenut tad-data.
3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispēcifika l-elementi tad-data li għandhom jiġu skambjati permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jispeċifikaw regoli speċifiċi għall-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż, fejn xieraq, kwalunkwe regola speċifika biex tiżgura l-protezzjoni ta' data personali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura *ta' eżami* msemmija fl-Artikolu 22(2).

TAQSIMA 2

KOOPERAZZJONI DIĠITALI ADDIZZJONALI RELATATA MAL-FORMALITAJIET MHUX DOGANALI TAL-UNJONI

Artikolu 11

Simplifikazzjoni tat-twettiq tal-formalitajiet doganali u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni

1. **Għall-formalitajiet u s-sistemi** mhux doganali tal-Unjoni elenkati **fil-Parti A tal-Anness**, l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana għandhom jipprovdu l-funzjonalitajiet li ġejjin:
 - (a) jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet doganali applikabbli u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni; **u**
 - (b) **jinformaw** lill-operaturi ekonomiċi **bir-rispons** elettroniku **mill-awtoritajiet doganali** u mill-awtoritajiet kompetenti sħab **fir-rigward** tat-twettiq tal-formalitajiet doganali applikabbli u l-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni.

2. ***Għall-formalitajiet u s-sistemi mhux doganali tal-Unjoni elenkati fil-Parti A tal-Anness, l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana jistgħu jipprovdu l-funzjonalitajiet elenkati fil-paragrafu 1. F'dik is-sitwazzjoni, għandu jiġi pprovdut l-istess sett ta' funzjonalitajiet bħal dawk elenkati fil-paragrafu 1.***

Artikolu 12

Formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni soġġetti għal kooperazzjoni diġitali addizzjonali

1. Formalità mhux doganali tal-Unjoni elenkata fl-Anness għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 8(3), il-punt (a), u l-Artikoli 11, 13, 14 u 15, dment li l-Kummissjoni tkun iddeterminat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li l-formalità kkonċernata tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dak il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jiddeterminaw liema mill-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:
- (a) hemm ammont ta' trikkib sinifikanti bejn id-data li għandha tiġi inkluża ***fid-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u d-data li għandha tiġi inkluża fid-dokumenti*** ta' sostenn ***għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness***;
 - (b) in-numru ta' dokumenti ta' sostenn maħruġa fl-Unjoni għall-formalità speċifika mhuwiex negliġibbli;
 - (c) is-sistema korrispondenti mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness tista' tidentifika l-operaturi ekonomiċi permezz tan-numru tal-EORI tagħhom;

- (d) il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali tippermetti li tiġi mwettqa l-formalità speċifika permezz tal-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għad-dwana skont l-Artikolu 11.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura **ta' eżami** msemmija fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 13

L-armonizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tad-data

1. Il-Kummissjoni għandha tidentifika **s-sett ta' data komuni għad-dikjarazzjoni** doganali **jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u għad-dokumenti** ta' sostenn **meħtieġa għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness ("sett ta' data komuni")**.

2. **Il-Kummissjoni** għandha tidentifika wkoll l-elementi tad-data addizzjonali soġġetti biss għal-leġislazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġislazzjoni doganali. Dawk l-elementi addizzjonali tad-data għandhom jiġu identifikati bl-akronimu korrispondenti tal-formalità mhux doganali tal-Unjoni elenkat fl-Anness, segwit mis-suffiss "sett tad-data tal-awtorità kompetenti sieħba".
3. **Is-sett ta' data komuni**, l-elementi tad-data addizzjonali msemmija fil-paragrafu 2 u **s-sett ta' data** meħtieġa biex il-merkanzija tkun taħt proċedura doganali speċifika *jew biex tiġi esportata mill-ġdid* għandhom jikkostitwixxu **sett ta' data integrat**, li jkun fiha d-data kollha meħtieġa **mill-awtoritajiet doganali** u mill-awtoritajiet kompetenti sħab għall-iżdoganar tal-merkanzija **■** .
4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 21, biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifikaw, minn naħa waħda, l-elementi tad-data **tas-sett ta' data komuni msemmi fil-paragrafu 1** ta' dan l-Artikolu u, min-naħa l-oħra, **l-elementi ta' data addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu** għal kull wieħed mill-atti rilevanti tal-Unjoni applikabbli għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness.

Artikolu 14

Il-preżentazzjoni ta' data doganali u mhux doganali tal-Unjoni minn operaturi ekonomiċi

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 11(1), il-punt (a), l-ambjenti nazzjonali ta' tiegħa unika għaddwana jistgħu jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu ***sett ta' data integrat imsemmi fl-Artikolu 13(3), inkluża dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid ippreżentata*** qabel il-preżentazzjoni tal-merkanzija skont l-Artikolu 171 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
2. ***Is-sett ta' data integrat*** ippreżentat skont il-paragrafu 1 għandu jitqies li jikkonsisti, kif xieraq, fid-dikjarazzjoni doganali ***jew id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid u l-preżentazzjoni ta' data meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti sħab għall-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni elenkati fl-Anness.***

Artikolu 15

Skambju ta' informazzjoni addizzjonali pproċessat permezz tas-CSW-CERTEX tal-UE

1. Is-CSW-CERTEX tal-UE għandha tippermetti l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni bejn l-ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana u s-sistemi mhux tal-Unjoni għall-finijiet li ġejjin:
 - (a) it-trażmissjoni tad-data li ġiet identifikata bħala **s-sett ta' data** komuni skont l-Artikolu 13(I), kif ukoll l-elementi ta' data addizzjonali applikabbli identifikati skont l-Artikolu 13(2) ("sett ta' data **tal-awtorità kompetenti sieħba**) biex l-awtoritajiet kompetenti sħab ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-formalitajiet rilevanti, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni għajr il-leġislazzjoni doganali;
 - (b) it-trażmissjoni lill-operaturi ekonomiċi għall-finijiet tal-Artikolu 11(1), il-punt (b) ta' kwalunkwe feedback mill-awtoritajiet kompetenti sħab imdaħħal fis-sistemi mhux doganali tal-Unjoni rilevanti.

2. Meta operatur ekonomiku jkun irreġistrat mal-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, in-numru EORI għandu jintuża għall-iskambji ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Il-Kummissjoni għandha tadottaatti ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi arranġamenti proċedurali għall-iskambji ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż, fejn xieraq, kwalunkwe regola speċifika li tirregola l-protezzjoni tad-data personali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura *ta' eżami* msemmija fl-Artikolu 22(2).

TAQSIMA 3

REGOLI PROĊEDURALI OĦRA

Artikolu 16

L-użu tas-sistema EORI mill-awtoritajiet kompetenti sħab

Fit-tweqqiq tad-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti sħab għandu jkollhom aċċess għas-sistema EORI biex jivvalidaw id-data rilevanti dwar l-operaturi ekonomiċi maħżuna f'dik is-sistema.

Artikolu 17

Koordinaturi nazzjonali

Kull Stat Membru għandu jaħtar **█** koordinatur **nazzjonali** għall-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana. Il-koordinatur nazzjonali għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin **sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament**:

- (a) jaġixxi bħala **punt** ta' kuntatt nazzjonali għall-Kummissjoni għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (b) jippromwovi **u jappoġġa**, fuq livell nazzjonali, **il-kooperazzjoni** bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti **sħab nazzjonali █** ;
- (c) **jikkoordina l-attivitajiet relatati mal-konnessjoni ta' ambjenti nazzjonali ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE, u l-ġhoti ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 20(4)**.

Kapitolu V

Spejjeż tas-CSW-CERTEX tal-UE, il-programm ta' ħidma, u l-monitoraġġ u r-rapportar

Artikolu 18

Spejjeż

1. L-ispejjeż assoċjati mal-iżvilupp, l-integrazzjoni u l-operat tas-CSW-CERTEX tal-UE u l-interkonnessjonijiet tagħha mas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni għandhom jinġarru *mill-baġit ġenerali* tal-Unjoni.
2. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tal-iżvilupp, l-integrazzjoni u l-operat tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana u l-konnessjoni tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana mas-CSW-CERTEX tal-UE.

Artikolu 19
Programm ta' ħidma

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, biex tistabilixxi programm ta' ħidma biex tappoġġja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi mhux doganali tal-Unjoni msemmija fl-Anness mas-CSW-CERTEX tal-UE u l-integrazzjoni tal-formalitajiet mhux doganali rispettivi tal-Unjoni. ■ Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura *ta' eżami* msemmija fl-Artikolu 22(2).

Il-programm ta' ħidma msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment, u mill-anqas darba kull tliet snin, sabiex tiġi vvalutata u mtejba l-implimentazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 20

Monitoraġġ u rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment il-funzjonament tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana, ***filwaqt li tqis fost l-oħrajn l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' monitoraġġ u pprovduta mill-Istati Membri, inkluża informazzjoni dwar il-funzjonament tal-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana.***
2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment il-prestazzjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE. ***Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-Unjoni tas-CSW-CERTEX tal-UE.***

3. Sal-31 ta' Diċembru 2027 u kull *sena* wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jinkludi:

- (a) *ħarsa ġenerali tal-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni;*
- (b) *ħarsa ġenerali dettaljata tal-istadju ta' progress li kull Stat Membru jkun laħaq fl-ambitu tal-ambjent nazzjonali tiegħu ta' tieqa unika għad-dwana fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament; u*
- (c) *ħarsa ġenerali dettaljata tal-progress ġenerali tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana fir-rigward tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 19.*

Sal-31 ta' Diċembru 2027 u kull tliet snin wara dan, ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, rispettivament, inkluż l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

4. L-Istati Membri għandhom, fuq talba mill-Kummissjoni, jipprovdu informazzjoni *dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament* li tkun meħtieġa għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 3.

Kapitolu VI

Proċeduri għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati, emendi għar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(6) u(7), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 13(4) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu **ta' żmien** indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(6) u (7), l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 13(4) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli 5(6) u (7), l-Artikolu 10(3) jew l-Artikolu 13(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 22
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

■

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 23

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 952/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, il-punt (2), jiżdied il-punt li ġej:

"(e) Ir-Regolament (UE) .../...⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u d-dispożizzjonijiet li jissupplimentawh jew jimplimentawh;

* Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L ...)."

(2) fl-Artikolu 163(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Id-dokumenti ta' sostenn għall-formalitajiet tal-Unjoni mhux doganali applikabbli elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) .../...⁺⁺ għandhom jitqiesu li huma fil-pussess tad-dikjarant u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali fil-mument meta tkun ippreżentata d-dikjarazzjoni doganali, sakemm dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiksbu d-data meħtieġa mis-sistemi tal-Unjoni mhux doganali korrispondenti permezz tas-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju ta' Ċertifikati tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 10(1), il-punti (a) u (c) ta' dak ir-Regolament".

⁺ ĠU: Daħħal fit-test in-numru ta' dan ir-Regolament u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dan ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 8(3), il-punt (a), l-Artikolu 11, l-Artikolu 13(1), (2) u (3), l-Artikolu 14 u l-Artikolu 15(1) u (2) għandhom japplikaw minn ... ***[disa' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX

Parti A

Formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u sistemi mhux doganali obligatorji tal-Unjoni

Formalità tal-Unjoni mhux doganali	Akronimu	Sistema tal-Unjoni mhux doganali	Leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti	Data ta' applikazzjoni
Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-annimali	CHED-A	TRACES	Ir-Regolament (UE) Nru 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ²²	3 ta' Marzu 2025
Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-prodotti	CHED-P	TRACES	Regolament (UE) 2017/625	3 ta' Marzu 2025

²² Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġħalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-għalf u għall-ikel ta' oriġini mhux mill-animali	CHED-D	TRAĊĊI	Regolament (UE) 2017/625 █	3 ta' Marzu 2025
Dokument sanitarju komuni tad-dħul għall-pjanti u l-prodotti mill-pjanti	CHED-PP	TRAĊĊI	█ Ir-Regolament (UE) 2017/625 █	3 ta' Marzu 2025
Ċertifikat ta' spezzjoni	COI	TRACES	█ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ²³ █	3 ta' Marzu 2025
Liċenzja għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu	ODS	Sistema ta' Liċenzjar tal-ODS 2	█ Ir-Regolament Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) ²⁴ █	3 ta' Marzu 2025

²³ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1).

Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra	F-GAS	Portal F-GAS u sistema ta' liċenzjar HFC	■ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ²⁵ ■	3 ta' Marzu 2025
Liċenzja tal-importazzjoni għall-beni kulturali	<i>ICG-L</i>	TRACES	■ Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ²⁶	3 ta' Marzu 2025
<i>Dikjarazzjoni tal-importatur għall-beni kulturali</i>	<i>ICG-S</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/880</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>
<i>Deskrizzjoni ġenerali għall-beni kulturali</i>	<i>ICG-D</i>	<i>TRACES</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/880</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1).

Parti B

Il-formalitajiet mhux doganali tal-Unjoni u s-sistemi mhux doganali volontarji tal-Unjoni fejn l-użu tas-CSW-CERTEX tal-UE jkun previst fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

<i>Formalità tal-Unjoni mhux doganali</i>	<i>Akronimu</i>	<i>Sistema tal-Unjoni mhux doganali</i>	<i>Leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni għajr il-leġiżlazzjoni doganali</i>	<i>Il-konnessjoni minn</i>
<i>Liċenzja tal-importazzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, Governanza u Kummerċ fis-Settur Forestali</i>	<i>FLEGT</i>	<i>TRAĊĊI</i>	<i>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005²⁷</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>
<i>Ir-reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju</i>	<i>DuES</i>	<i>Sistema ta' Liċenzjar Elettroniku</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸</i>	<i>3 ta' Marzu 2025</i>

²⁷ ***Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).***

²⁸ ***Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).***

<i>Ċertifikati għall-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil- Periklu</i>	<i>CITES</i>	<i>TRACES</i>	<i>ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97²⁹</i>	<i>1 ta' Ottubru 2025</i>
<i>Sistema tal- Informazzjoni u l- Komunikazzjoni għas- Sorveljanza tas- Suq</i>	<i>ICSMS</i>	<i>ICSMS</i>	<i>Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill³⁰</i>	<i>16 ta' Diċembru 2025</i>

²⁹ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1).*

³⁰ *Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).*